MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 833/2003

Alfred u Christine konjuġi **ABELA**

vs

Joseph **DIMECH**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta’ Awissu, 2003, li bih l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara lill-imħarrek ħati ta’ ħabta bejn żewġ karozzi li seħħet fil-Kalkara fit-3 ta’ Lulju, 2002, u li l-istess imħarrek jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrbu. L-attriċi, li tgħid li fl-imsemmi inċident ġarrbet ġrieħi li ħallewlha debilita’ li ma tgħaddix, qiegħda titlob ukoll kumpens;

Għall-imsemmija azzjoni, l-imħarrek laqa’ b’Nota mressqa minnu fit-23 ta’ Ottubru, 2003, u li fiha huwa jiċħad li kien jaħti għall-ħabta. Iżid jgħid li l-atturi diġa’ ngħataw kumpens mingħand il-kumpannija assikuratriċi u li ma

jaċċettax li huma jew min minnhom sofrew id-danni li qegħdin jippretendu. Minbarra dan, jgħid li l-atturi għamlulu l-ewwel talba għall-ħlas ta' somma bħala dannu wara li kienu diġa' fetħu din il-kawża;

Rat is-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar, 2005[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet l-ewwel talba attriċi u sabet li l-imħarrek kien jaħti għall-ħabta li seħħet fil-Kalkara fit-3 ta' Lulju, 2002, u ħalliet il-kawża għall-ġbir tal-provi dwar id-danni mtluba mill-atturi;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fid-19 ta' Settembru, 2005[2] flimkien ma' sensiela ta' dokumenti mehmużin magħha għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-*damnum emergens*;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2005[3], li bih ħatret lill-kirurgu ortopediku Charles Grixti bħala espert mediku biex ifittex dwar jekk l-attriċi ġarrbitx debilita' li ma tgħaddix u, f'każ li hekk hu tassew, li jagħti stima tal-grad tal-imsemmija debilita';

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-atturi;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit mediku fil-21 ta' Diċembru, 2005[4], u minnu maħlufa kif imiss minn idejn ir-Reġistratur fit-12 ta' Diċembru, 2006;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-7 ta' Settembru, 2007[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;

***Ikkunsidrat:***

---

[1] Paġġ. 51 – 5 tal-proċess
[2] Paġġ. 60 – 7 tal-proċess
[3] Paġ. 70 tal-proċess
[4] Paġġ. 81 – 5 tal-proċess
[5] Paġ. 92 tal-proċess

Illi l-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti tirrigwarda ħabta li seħħet fit-3 ta' Lulju, 2002, fi Triq ix-Xatt, Kalkara, f'xi s-siegħa ta' wara nofsinhar. F'dan il-każ, il-ħabta seħħet bejn żewġ karozzi sejrin fl-istess direzzjoni. Il-karozza misjuqa mill-attur kienet quddiem dik misjuqa mill-imħarrek x'ħin seħħet il-ħabta. L-atturi jridu li l-imħarrek jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin minnhom minħabba l-imsemmi inċident. Dwar ir-risarċiment għall-ħsara li ġrat lill-karozza misjuqa mill-attur, il-kumpens ingħata lill-atturi minn kumpannija assikuratriċi. Huma qegħdin jitolbu li l-imħarrek jagħel tajjeb għad-danni mġarrba mill-attriċi li, minħabba fil-ħabta, baqgħet midruba b'mod li ma tfiqx għall-bqija ta' ħajjitha;

Illi l-imħarrek, minbarra li qal li ma kienx jaħti bl-ebda mod għall-inċident, qal ukoll li mhux minnu li l-atturi ġarrbu xi danni, u, f'kull każ, jekk kellhom danni dawn għamlet tajjeb għalihom kumpannija assikuratriċi;

Illi dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-inċident din il-Qorti diġa' tat il-fehma tagħha fis-sentenza fuq imsemmija dwar l-ewwel talba attriċi. Ladarba qieset li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-istess inċident, jeħtieġ issa li tqis x'inhi l-ħsara li ġarrbu l-atturi u tipprova tillikwidaha;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq l-karozza tiegħu tal-għamla *Honda Civic* reġistrata IAO-835. Miegħu kellu rekbin lil martu, bilqegħda ħdejh, u lil binthom, bilqegħda warajhom. L-imħarrek kien qiegħed isuq vann tal-għamla *Isuzu TFR* reġistrat BAG-269 L-attur kien qiegħed isuq bil-mod wara karozza oħra. F'dan il-ħin, ħass daqqa qawwija fuq in-naħa ta' wara. Mad-daqqa, tilef il-kontroll tal-karozza u baqa' tielgħa fuq il-bankina tan-naħa tax-xellug tiegħu[6]. Il-ħsara fil-karozza tiegħu kienet fuq il-bagoll ta' wara u l-inħawi tal-lemin warrani tal-karozza sal-bieba ta' wara. Il-ħsara fil-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet fuq quddiem

[6] Xhieda ta' P.S. 91 Buttiġieġ 16.6.2004, f'paġ. 37 tal-proċess

u n-naħa xellugija ta' quddiem[7]. Jirriżulta li t-temp kien bnazzi u t-triq kienet asfaltata lixxa u xotta[8];

Illi jirriżulta wkoll li bejn il-karozza misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-imħarrek, kien hemm vettura oħra li, f'ħin minnhom ippruvat taqbeż lil dik misjuqa mill-attur. L-imħarrek jgħid li, kien minħabba f'hekk li nħasad u baqa' dieħel fil-karozza misjuqa mill-attur[9]. Żied ifisser li għalkemm kien bogħod mill-karozza ta' qablu (jiġifieri dik li jgħid li kienet qabżet lill-karozza misjuqa mill-attur), xorta ħabat mal-karozza tal-attur u ma applikax il-*brakes*. Il-ħabta saret għaliex l-attur kien qiegħed isuq aktar bil-mod minnu;

Illi fl-inċident, l-attriċi li kienet riekba fil-karozza misjuqa minn żewġha l-attur kienet bilqiegħda fuq is-*seat* ta' quddiem tal-passiġġier[10] u binthom iż-għira kienet riekba wara. Mal-ħabta bejn iż-żewġ karozzi, l-attriċi ħabtet rasha b'qawwa mas-saqaf u wiċċha mal-*windscreen* u ntilfet minn sensiha[11]. Baqgħet muġugħa u għamlet żmien tingħata kura fl-isptar u wkoll bħala *out-patient*. F'Awissu tal-2003, intbagħtet għand konsulent ortopediku li sab[12] li kellha debilita' permanenti ta' għaxra fil-mija (10%);

Illi dak inhar tal-ħabta, l-attriċi kellha tlieta u erbgħin (43) sena[13] u kienet mara tad-dar. Ma kinitx toħroġ taħdem[14]. Wara l-inċidetn u b'konsegwenza tiegħu, baqgħet tbati minn uġigħ qawwi fl-irkiekel tax-xewka ta' daharha, u wkoll minn tnewnim fin-nervituri ta' għonqha;

Illi f'Lulju tal-2002, l-attur tħallas mingħand il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek għas-saldu tal-ħsara li ġarrab fil-karozza minħabba l-ħabta[15]. Il-kawża nfetħet fit-13 ta' Awissu, 2003;

---

[7] Dok "MBA", f'paġ. 32 tal-proċess
[8] Dok "MBB", f'paġ. 34 tal-proċess
[9] Xhieda tiegħu 30.11.2004, f'paġ. 45 tal-proċess
[10] Affidavit tal-attur f'paġ. 24 tal-proċess
[11] Affidavit tagħha, Dok "CA", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess
[13] Dok "CA1", f'paġ. 68 tal-proċess
[14] Xhieda tagħha 1.11.2005, f'paġ. 71 tal-proċess
[15] Dok "JD1", f'paġ. 17 tal-proċess

Illi l-espert mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attriċi tassew qiegħda tbati minn debilita' u li din m'hijiex sejra tgħaddi maż-żmien ladarba s-sintomi baqgħu ma marrux wara l-inċident (huwa kien qiegħed jeżamina lill-attriċi madwar tliet snin wara l-ħabta). Huwa wasal għall-fehma li d-diżabilita' tal-attriċi kienet fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%);

Illi l-konsiderazzjonijiet legali dwar il-likwidazzjoni tad-danni mitluba mill-atturi se' jkunu limitati għaċ-ċirkostanzi tal-attriċi. Dan għaliex l-attur ma ġarrab l-ebda ġrieħi personali flinċident u m'huwa qiegħed iressaq l-ebda talba f'dan is-sens f'ismu. Ħsara oħra lillkarozza misjuqa minnu għamlet tajjeb għaliha l-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek;

Illi l-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[16], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[17]. Għalhekk, kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[18]. Il-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għamil, (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha, (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-għamil[19];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-attriċi tippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*) u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejra ġġarrab minħabba li baqgħet ma fiqitx għal kollox millġrieħi li ġarrbet fl-inċident (*lucrum cessans*);

[16] Art. 1031 tal-Kap 16
[17] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[18] Art. 1033 tal-Kap 16
[19] Art 1045(1) tal-Kap 16

Illi għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż minfuqin mill-attriċi bħala riżultat dirett tal-inċident (id-*damnum emergens*), tressqu provi ċari u dettaljati biżżejjed biex iwasslu għal-likwidazzjoni preċiża tagħhom. L-attriċi ressqet sensiela ta' riċevuti[20] li jfisser ħaġa b'ħaġa l-ispejjeż minfuqa mill-attriċi bħala effett dirett tal-inċident li ġarrbet. Dawn l-ispejjeż jikkonsistu kollha fi spejjeż għax-xiri ta' mediċini, u għal eżamijiet mediċi Dawn l-ispejjeż kollha jitilgħu għas-somma ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm 388.40)[21]. L-imħarrek ma miera l-ebda waħda minn dawn il-provi;

Illi għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ (il-*lucrum cessans*), l-attriċi jidher li torbot din il-pretensjoni tagħha mal-fatt li għadha tbati ħafna biex tagħmel sewwa u bla xkiel xogħolha fid-dar. F'dan ir-rigward jingħad lil-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż, għal dan il-fatt waħdu[22]. Ix-xogħol fid-dar għandu siwi ekonomiku u s-sehem li l-mara tagħti fil-ħidma fid-dar m'għandux jitqies anqas mis-sehem tagħha kieku kienet impjegata bi qligħ[23];

Illi, billi l-attriċi għandha titqies bħala persuna li tmexxi d-dar tagħha, il-Qorti tqis li d-"dħul" tagħha għandu jitqies fuq il-bażi tal-inqas paga nazzjonali[24] li, fiċ-ċirkostanzi applikabbli meta seħħ l-inċident tista' titqies bir-rata ta' ħamsa u ħamsin lira Maltija u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm 55.76)[25] fil-ġimgħa, kif din il-Qorti fi ħsiebha tapplika. Ma' dan, il-Qorti sejra żżid perċentwali tal-għaxra fil-mija (10%) biex jagħmel tajjeb għaż-żidiet li 'l quddiem jingħataw fl-istess paga minima minħabba l-għoli talħajja u ċirkostanzi oħrajn. Għalhekk, il-Qorti sejra taħdem fuq il-bażi ta' sitt elef seba' mija u ħamsa u ħamsin euro (€ 6,755) fis-sena;

---

[20] F'paġġ. 61 – 7 tal-proċess
[21] Ekwivalenti għal € 904.73 fi flus tal-lum
[22] Ara,per eżempju, App. Ċiv. **19.9.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit et vs George Beżżina***; u App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Degiorgio***
[23] P.A. RCP **29.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Gauċi vs Saviour Magri et***
[24] P.A. GCD **21.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Elizabeth Grech et vs Mario Briffa***
[25] Ekwivalenti għal € 129.90 fi flus tal-lum

Illi għar-rigward tal-*multiplier*, irid jingħad li din hija għodda li normalment tintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat kemm jista' jkun b'mod li jqarreb għal x'kienu jkunu ċ-ċirkostanzi li kieku ma jkunx seħħ l-inċident. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[26];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[27], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[28], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[29], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[30];

---

[26] Peter Cane, <u>*Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*</u> (6th Edit, 1999), paġ. 122

[27] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***

[28] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***

[29] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***

[30] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited ;u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

Illi mbagħad, fil-każ ta’ mara tad-dar jew ta’ persuna li tagħżel li tibqa’ d-dar minflok taħdem b’impieg, hemm konsiderazzjoni oħra partikolari li trid issir. Din hi li, għall-kuntrarju ta’ dak li jiġri fid-dinja tax-xogħol, ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jgħid li ħaddiem domestiku (sakemm ikun għadu f’sikktu) jieqaf jagħmel dak ix-xogħol hekk kif jilħaq l-eta’ tal-irtirar. Ix-xogħol fid-dar m’huwiex wieħed li xiħadd jerfa’ minnu malli jilħaq l-eta’ tal-pensjoni jew tal-irtirar bħalma wieħed jerfa’ minn impieg[31]. Għalhekk, x’aktarx, għall-finijiet ta’ *multiplier*, persuna li taħdem fid-dar għandha titqies bil-kejl tal-aspettativa tat-tul tal-ħajja, limitat naturalment bil-konsiderazzjoni li wara ċertu eta’ bniedem ma jibqax jista’ jieħu ħsieb jagħmel dak ix-xogħol;

Illi, għalhekk, fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li għandha tadotta *multiplier* ta’ tnejn u għoxrin (22) sena;

Illi, għar-rigward tat-tnaqqis li jsir mis-somma li tiġi hekk likwidata, meta qegħda tingħata din is-sentenza se’ jkunu diġa’ kważi għaddew sitt (6) snin minn mindu seħħ l-inċident. Dwar din is-sottomissjoni, l-Qorti tosserva li parti sewwa minn dan iż-żmien ittieħed bis-smigħ tal-kawża. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* f’dan il-każ sejjer ikun ta’ ħamsa fil-mija (5%);

Illi dwar il-grad ta’ debilita’, il-Qorti sejra toqgħod fuq il-kwantifikazzjoni magħmula mill-perti mediku maħtur minnha u mhux fuq dik magħmula mit-tabib *ex parte*. Dan għaliex fl-ewwel lok, il-Qorti m’hijiex wisq konvinta mill-għamla u d-dettal tal-analiżi magħmula minn dan tal-aħħar fejn stqarr[32] li lill-attriċi raha biss darba waħda fl-okkażjoni meta irrilaxxa r-rapport tiegħu (jiem qabel ma nfetħet il-kawża). Fit-tieni lok, il-konklużjonijiet milħuqa mill-perit ġudizzjarju jieħdu qies tal-istorja medika u l-istampa medika usa’ tal-attriċi, u, fuq kollox, saru wara ċertu żmien mill-inċident b’mod li jistgħu jqarrbu wisq aktar lejn dik li hija l-qagħda medika permanenti tal-istess attriċi.

[31] Ara, per eżempju, P.A. GCD **6.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Olga Busuttil et vs Ray Muscat***

[32] Xhieda tal-Prof. Victor Sultana 1.11.2005, f’paġġ. 74 – 5 tal-proċess

Għalhekk, il-Qorti sejra tqis rata ta’ disabilita’ fl-attriċi fil-grad tal-ħamsa fil-mija (5%);

Illi fis-sottomissjonijiet ta’ l-għeluq, l-imħarrek jittanta jqanqal il-kwestjoni li l-attriċi kienet taħti b’xi mod għall-ħsara li ġarrbet, u dan għaliex jallega li ma jistax ikun li ġralha dak illi ġralha kieku kienet liebsa ċ-ċinturin tas-sigurta’ (*safety belt*) x’ħin seħħ l-inċident. Huwa għalhekk jallega l-kontributorjeta’ min-naħa tagħha;

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta dan l-argument. Fl-ewwel lok, il-provi maħlufa juru li l-attriċi kienet, fil-fatt, marbuta biċ-ċinturin tas-sigurta’ x’ħin saret il-ħabta. Dan il-fatt ma kienx ta’ għajnuna għal kollox għaliex id-daqqa li qalgħet il-karozza li kienet riekba fiha kienet waħda qawwija ħafna. Min-naħa l-oħra, irid jingħad li sottomissjoni f’nota tal-osservazzjonijiet m’hijiex prova imma sempliċi argument. Fit-tieni lok, il-kwestjoni tar-responsabbilta’ diġa’ ġiet determinata bis-sentenza *in parte* u kien f’dak l-istadju li l-imħarrek messu qanqal il-kwestjoni, u mhux f’dan l-istadju;

Illi, meħudin dawn il-kriterji kollha b’qies, il-Qorti qegħda tillikwida bħala *lucrum cessans* li hija intitolata għalih l-attriċi s-somma ta’ **1)** sebat elef u disgħa u ħamsin euro (€ 7,059)[33]. Ma’ dawn, jiżdiedu € 904.73 diġa’ likwidati bħala *damnum emergens*. B’kollox, għalhekk, il-Qorti qegħda tillikwida lill-attriċi s-somma ta’ € 7,963.73 bħala danni mġarrba fl-imsemmi inċident u li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta’ **3)** sebat elef disa’ mija u tlieta u sittin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€ 7,963.73), bl-imgħax legali fuq din is-somma b’seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

---

**2)** [33] [€ 6,755 x 22 x 0.05 = € 7,430.50] – [(0.05 x € 7,430.5) = € 371.50] = € 7,059

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma bħala danni likwidati li jrid jagħmel tajjeb għalihom hu; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, magħduda dawk dwar is-sentenza *in parte* mogħtija fit-3 ta' Frar, 2005.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**Imħallef**
**18 ta' Marzu, 2008**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**
**18 ta' Marzu, 2008**

Korrezzjoni awtorizzata b'degriet tat-3 ta' April 2008 a tenur ta' l-Art. 825(1) tal-Kap 12
**1)** Erba' kelmiet u ħames figuri kanċellati u sostitwiti.
*Sebat elef u seba' mija u tlieta u sittin euro u żewġ ċenteżmi (€7,763.02)*
**2)** Footnote 33 kanċellata u sostituta
[33] *[(€ 6,755+€674) x 22 x 0.05 = € 8,171.61] – [(0.05 x € 8,171.61) = € 408.59] = € 7,763.02*
**3)** Erbatax-il kelma u ħames figuri kanċellati u sostitwiti
*Tmint elef sitt mija u sebgħa u sittin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 8,667.75).*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------